# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-24 ta' Mejju, 2018.**

**Rikors Numru 176/2018**

**Fl-atti tal-Mandat t'inibizzjoni**
**fl-ismijiet:**

**Christopher Caruana,**
**guvni, I.D. 21378M, self-employed,**
**bin John u Tessie nee Mizzi**
**imwieled Pieta` u residenti**
**Zejtun**

**vs.**

**P & J Co. Ltd.**
**(C – 5153)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors promotur datat l-1 ta' Frar, 2018, (ara foll 1);

2. Regghet rat id-digriet provizorju taghha fir-rigward datat ukoll l-1 ta' Frar, 2018, (ara foll 1 u 8);

3. Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata l-24 t'April, 2018, (ara foll 89);

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

5. Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata l-24 ta' Mejju, 2018, li permezz taghha infurmaw lill-qorti li kienu qed jaqblu li l-effetti tal-mandat *de quo* ghandhom ikunu ridotti ghall-garaxxijiet internament enumerati "6", (erronjament indikat fil-mandat bhala "8"), u l-garaxx internament enumerat "7", formanti parti mill-kumpless ta' garaxxijiet kif deskritti fl-istess mandat;

Ikkunsidrat:

6. Illi in vista tal-istess tiddikjara li hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu a sodisfazzjon ta' din il-qorti fil-limiti deskritti fil-paragrafu precedenti;

**DECIDE:**

7.0. Illi konsegwentement:

7.1. Tikkonferma l-mandat t'inibizzjoni fuq riferit, pero` fil-limiti fuq espressi, ghar-rigward ghalhekk tal-garaxxijiet numru "6" u "7" fl-*upper basement* tal-kumpless ta' garaxxijiet accessibbli minn entratura komuni bla numru u bla isem fi Triq Hal Millieri, Hal Ghaxaq;

7.2. Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**